# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 t'Ottubru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 312/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**ISB**

**Vs**

**KB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' ISB, datat 4 ta' Dicembru 2018, a fol 1 jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn (08/07/2011) u miz-zwieg taghhom twieldet il-minuri YB li llum ghandha ghaxar snin;*

2. *Illi kif ser jigri ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenut rrenda ruhu hati ta' vjolenza domestika, theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun u adulterju flagranti fil-konfront ta' martu l-esponenti, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;*

3. *Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut mhux biss kien aggressiv ma' martu u effettivament anke instab hati mill-Qorti tal-Magistrat u nharget ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-esponenti (Dok A annessa), izda iktar minn hekk huwa gieli pruva jnehhi hajtu b'idejh u fil-fatt kien anke rikoverat fis-pyschiatric unit*

*gewwa Mater Dei minhabba overdose tal-kalmanti li kien jiehu (Dok B anness);*

4. *Illi fil-mori tal-kawza ser jirrizulta wkoll li l-konvenut dahal f'diversi djun ad insaputa ta' martu l-esponenti u llum hemm ukoll diversi proceduri gudizzjarji pendenti fil-konfront tieghu;*

5. *Illi jinghad illi sfortunatament minhabba supervja da parti tal-konvenut li prattikament qatt ma ried jimmedja ghax jippretendi li martu m'ghandha tiehu assolutament xejn, il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess u ghall-ftehim bonarju; u fil-fatt il-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat disa' ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (09.10.2018).*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom vjolenza domestika, theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun u adulterju flagranti kommessi fuq martu; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri YB esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-Minuri tirrisjedi mal-Omm, li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u*

*dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

4. *Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

5. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

7. *Tassenja lir-rikorrenti d-dar matrimonjali fl-indirizz M.G.M. Court, Flat 2, Triq il-Mensija, San Gwann u f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fil-fond matrimonjali vita durante, flimkien mal-minuri YB, ad esklussjoni tar-Ragel konvenut;*

8. *Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

9. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;*

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat KB datata 22 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.*

2. *Illi l-allegazzojnijiet maghmula mill-attrici huma kollha inveritieri u anzi mhux biss hi l-attrici li hi responsabbli tal-firda izda wkoll hi l-attrici li ssoggettata lill-esponenti ghall-abbuz mentali u fiziku tul iz-zwieg tant li sahansitra kien hemm istanzi fejn kellu jfittex ghajnuna medika.*

3. *Illi kif ser jirrizulta, l-attrici hi persuna manipulattiva li sahansitra timmanipula l-minuri, wild l-esponenti sabiex hi tilhaq l-iskopijiet taghha tant li sahansitra holqot kommossjoni li wasslet lill-esponenti li johrog mid-dar matrimonjali sabiex hi tkun tista ddahhal ragel barrani gewwa d-dar matrimonjali.*

4. *Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn din l-istanza sabiex jintavola kontro-talba a tenur ta' artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-esponenti ghall-konferma tal-fatti, Qraba, familjari u hbieb, ix-xhieda kollha tal-attrici in ezami u kontro-ezami, tobba kuranti passata u futuri tal-minuri u tal-partijiet, qassisin u persuna religjuzi jew nies tal-komunita', social workers, salv xhieda ulterjuri.*

Rat il-kontro-talba tal-intimat Kart Blundel datata 22 ta' Marzu 2019, a fol 42 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja ta' Lulju elfejn (08.08.2000) u miz-zwieg taghhom twiled il-minuri YB li llum ghandha ghaxar snin.*

2. *Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn u dan wara li l-mara abbuzivament aggrediet kemm verbalment u mentalment kif ukoll fizikament lill-esponenti u wasslitu sabiex l-unika triq kienet li jitlaq mid-dar flok jaqgha f'dipressjoni qawwija u jibqgha jigi soggettat ghas-sevizzi u l-provokazzjoni qawwija taghha.*

3. *Illi mhux hekk biss, illi l-istess martu ghamlet minn kollox biex tharbat in-negozju tal-esponenti u sahansitra ppruvat iggib lill-esponenti f'sitwazzjoni finanzjajra mizerabbli tant li ghamel zmien twil homeless waqt li hi ddahhal l-irgiel id-dar.*

4. *Illi minhabba rikjesti egoistici u ferm grandjuzi l-esponenti ma setghax jasal f'separazzjoni bonarja mal-mara u dan aktar u aktar meta l-unika tir taghha kien biss il-flus u s-sosteniment tal-kapricci frivoli taghha.*

5. *Illi l-esponenti qieghed jistitwixxi din l-istanza bis-sahha tal-awtorizazzjoni ottjenuta mir-rikorrenti.*

*Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli ma ghadhiex previa kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja;*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom vjolenza domestika, theddid, eccessi, servizzi, ingurji gravi, abbandun u adulterju flagranti kommessi fuq martu, konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-bint minuri YB, esklussivament f'idejn l-esponenti Missier, b'dan illi l-minuri tirrisjedi mal-Missier, li tkun tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dwak ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istadju taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudja taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill omm sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

4. *Tiddikjara illi bl-agir taghha, ir-rikorrenti rikonvenzjonata ddekadiet minn kull dritt li titlob manteniment minghand ir-rikorrenti;*

5. *Tordna li kwalsiasi manteniment hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqa direttament mis-salarju jew impjieg tar-rikorrenti rikonvenzjonata;*

6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta r-rikorrenti rikonvenjonata ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta' l-esponenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippublika l-att opportun ta' kuratur biex jirrapprezenta lir-rikorrenti rikonvenzjonata fl-eventwalita' kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

7. *Tassenja lir-irkorrenti d-dar matrimonjali fl-indirizz M.G.M Court, Flat 2, Triq il-Mensija, San Gwann u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fil-fond matrimonjali vita durante, flimkien mal-miunri YB, ad eskluzjoni tal-Mara;*

8. *Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien*

*qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrenti rikonvenjonata taghmel dan, tikkundannahna thallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorredno bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentati l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

9. *Tapplika in toto jew parti kontra r-rikorrenti rikonvenjonata l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminazzjoni li tilef kull dritt li tiret lill-esponenti;*

Rat ir-risposta dataat 8 ta' Lulju 2019 tal-attrici ISB ghall-kontro-talba tal-intimat, a fol 49 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa minn zewgha fil-kontrotalba intavolata minnu, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponenti tirriserva minn issa d-dritt li tressaq xhieda in sostenn;*

*Illi brevement jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn u l-konvivenza tal-partijiet ma baqghetx iktar possibbli stante li fost affarijiet ohra, il-konvenut rikonvenzjonant irrenda ruhu hati ta' vjolenza domestika, theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun u adulterju flagranti fil-konfront ta' martu l-esponenti, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli;*

*Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut mhux biss kien aggressiv ma' martu u effettivament anke instab hati mill-Qorti tal-Magistrat u nharget ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-esponenti, izda iktar minn hekk huwa gieli pruva jnehhi hajtu b'idejh u fil-fatt kien anke rikoverat fis-pyschiatric unit gewwa Mater Dei minhabba overdose tal-kalmanti li kien jiehu;*

*Illi fil-mori tal-kawza ser jirrizulta wkoll li l-konvenut dahal f'diversi djun ad insaputa ta' martu l-esponenti u llum hemm ukoll diversi proceduri gudizzjarji pendenti fil-konfront tieghu;*

*Illi jinghad illi sfortunatament minhabba supervja da parti tal-konvenut li prattikament qatt ma ried jimmedja ghax jippretendi li martu m'ghandha tiehu assolutament xejn, il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess u ghall-ftehim bonarju;*

*Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, l-esponenti tissottometti s-segwenti:*

1. *Illi hi ma toggezzjonax ghall-ewwel talba tal-attur u dan limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet; izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilha stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huma imputabbli esklussivament lill-konvenut rikonvenzjonant u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

2. *Illi l-esponenti topponi bil-qawwa ghat-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant u cioe` li l-kura u kustodja tal-bint minuri tigi fdata f'idejh esklussivament u din tibda tabita mieghu. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom u effettivament ftit li xejn jitkellmu anke ghaliex il-konvenut rikonvenzjonant llum ikellem biss lill-martu biex jghajjarha u jheddidha, anke quddiem il-minuri. Kif ben tghallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra. F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghexet maghha u ghandha relazzjoni impekkabbli mal-istess l-ghaliex ghall-kuntlarju tal-konvenut rikonvenzjonant li jahdem hinijiet tax-xoghol twal u li dejjem ghex 'wahdu' anke jekk fi hdan familja, dejjem hadet hsieb it-trobbija taghha; certament illi mhux fl-interess tal-Minuri li din tibda tabita u tirrisjedi mal-Missier rikonvenzjonant.*

3. *Illi l-esponenti topponi ghat-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li m'hemm l-ebda raguni li tolqot l-interess tal-minuri, biex din ma tibqax tabita maghha u hi jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva taghha u kwindi ghandu jkun il-konvenut rikonvenzjonant li jhallas manteniment ghall-bint flimkien mal-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u mhux bil-kontra;*

4. *Illi l-esponenti toggezzjona wkoll ghar-raba' u l-hames talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante illi bl-ebda mod ma iddekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha u dan stante li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonant;*

5. *Illi l-esponenti ma topponix ghas-sitt talba ta' zewgha limitatament fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-konvenut rikonvenzjonant u mhux lill-esponenti u meta tasal sabiex tiddividi l-komunjoni tqis minn meta il-konvenut rikonvenzjonant kien hati tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess;*

6. *Illi l-esponenti topponi ghas-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant ossia li d-dar konjugali tigi assenjata lilu u/jew li huwa jigi awtorizzat jabita fl-istess ad eskluzjoni ta' martu; l-esponenti tikkontendi li din ghandha tigi assenjata lilha fid-dawl tat-tortijiet kollha li ser jigu ppruvati fil-mori tal-kawza;*

7. *Illi fir-rigward tat-tmien talba, sta ghall-konvenut rikonvenzjonant biex jipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u/jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponent qed topponi ghad-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront taghha l-artikoli 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut innifsu;*

9. *Illi finalment, l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonant li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kas;

Rat is-sentenza in parte datata 22 ta' Novembru 2019;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-intimat ma ppresentax nota ta' sottomissonijiet risponsiva;

**Ikkonsidrat:**

***Doris Fenech, Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali xehdet nhar il-31 t'Ottubru 2019 (vide fol 68 et seq- vol 1)*** fejn spjegat illi is-sistema taghti access ghal dawk il-proceduri li jkunu kumpilazzjonijiet, mentri proceduri li jkunu tad-Distrett ma jkunx hemm informazzjoni fuq is-sistema. Tixhed illi sabet sentenza ta' kumpilazzjoni wahda, li giet esebita, u li ma giex intavolat appell minn din id-decisjoni.

***Joseph Saliba rapprezentat tal-Jobs Plus xehed nhar il-31 t'Ottubru 2019 (vide fol 70 et seq volume 1)*** u prezenta employment history u registration history tal-partijiet.

***Connie Azzopardi rapprezentata tad-Direttur tas-Sigurta Socjali xehdet nhar il-31 t'Ottubru 2019 (vide fol 72 et seq volume 1)*** u spjegat illi l-attrici kienet tippercepixxi *children's allowance* u li ricentement bdiet tricievi l-in-work benefit b'dana illi l-ammonti varjaw skond id-data. Illi pero' sad-data tat-testimonjanza l-attrici kienet irceviet EUR 1437.23 fuq circa perjodu ta' sena u nofs. Fir-rigward tal-intimat ma jirrizultax li jircievi beneficcji, b'dana illi pero' ic-*children's allowance* kienet fuq isem l-intimat peress li huwa kien il-*head of household* pero' il-beneficjarja kienet l-attrici.

***Lorraine Attard rapprezentata tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar il-31 t'Ottubru 2019 (vide fol 74 et seq volume 1)*** filwaqt li esebit sensiela ta'dokumenti spjegat illi hemm diversi kontijiet bankarji mal-bank f'isem il-partijiet wahidhom u anke kongunti li ghadhom operattivi.

***Oswald Balzan, DPO ghall-isptar Mater Dei xehed nhar it-22 ta'Novembru 2019*** u prezenta kopja tal-file mediku tal-intimat.

***Il-Psikjatra Dr Mark Xuereb xehed nhar it- 30 ta'Jannar 2020 (vide fol 870 et seq)*** fejn spjega illi l-ispecjalizazzjoni tieghu hija *f'neuropsychiatry and crisis* u jara persuni li qeghdin fi krizi, u nies li jkunu ttentaw suicidju. Izid illi huwa jaghti l-lectures l-Universita' u ghamel tmien (8) snin l-Ingilterra. Fil-prezent jahdem kemm Mater Dei u kif ukoll fis-settur privat, inkluz jahdem ukoll Mount Carmel.

Jixhed illi kien ra lill-intimat madwar sena u nofs ilhu fl-ambitu ta' krizi u kien rah kemm Mount Carmel u kif ukoll fil-*clinic* tieghu. Jirrileva illi kien hemm attentat da parti tal-intimat fejn kien prova jnehhi hajtu, liema attentat kien sar fl-isfond ta' problemi fir-relazzjoni tieghu. Jispjega illi l-intimat kien prova jaqbez, u li kien hemm intenzjoni cara f'dak il-mument. Illi sussegwentement il-partner tieghu kienet iffirmat biex johrog minn Mount Carmel, u wara kien sar assessment minn naha tax-xhud. Minn tali assessment irrizulta illi kien hemm *adjustment disorder* li huwa a *temporary physiological, emotional storm* a kawza taz-zwieg infelici li kien qieghed fih. Izid illi minn naha taghhom huma kienu qeghdin jarawh repetutivament u li dejjem ikkollabora, dejjem gie u stenna. Jixhed illi l-intimat kien jigi fuq medda ta' darbtejn jew erba darbiet fix-xahar u kienu jitkellmu fuq it-*telephone* biex jaraw kif hu kien qieghed sejjer. Jirrakonta li qabel dana l-episodju kien hemm episodju iehor fejn kien ikkonsma numru ta' pillolli wkoll. Rigward medicina, Dr Xuereb jishaq illi kien hemm numru ta' medicinali differenti u f'kull stadju giet preskritta medicina skond il-bzonn fosthom: *antidepressents, mood stabilisers, supportive psychotherapy, interpersonal psychotherapy* u *conductive therapy*. Jishaq illi l-krizi tal-intimat kienet wahda *multifactorial,* b'dana l-*underlying psychiatric condition* hija wahda ta' *behavioural issue,* b'dana illi jimmanifesta rabja imma mhiex rabja psikjatrika u hija kwazi aktar kagun ta' frustrazzjoni u nervi. Illi filwaqt li l-intimat kien ghamel progress, huwa bniedem impazjenti u nervuz u konxju li ghamel zbalji fil-passat. Izid illi huwa missier tajjeb, b'dana illi huwa sigur ghat-tifla li tkun esposta ghalih, filwaqt li

huwa importanti li jibqa' jattendi ghat-terapija, pero' mhemmx *a serious psychotic disorder*. Illi pero' kien hemm lacuna fl-attendenza tieghu.

***Karen Cremona rapprezentanta Transport Malta xehdet nhar it-28 ta' Jannar 2020 (vide fol 906 et seq)*** u spjegat illi l-attrici fil-prezent ghandha vettura wahda rregistrata fuq isimha u cioe Toyota Passo bin-numru ta'registrazzjoni FCH 758, filwaqt li l-intimat fil-prezent ghandu zewg vetturi registrati fuq ismu u cioe: Subaru Impreza bin-numru ta'registrazzjoni FBQ 539 u Renault Megane bin-numru ta'registrazzjoni IMD 002.

***L-Ispettur Leroy Balzan xehed nhar it- 28 ta' Jannar 2020 (Vide fol 907 et seq)*** u prezenta sensiela ta'rapporti (Dok LBE1-Dok LBE 18)[1] maghmula mill-attrici fil-konfront tal-intimat zewgha. Illi fil-maggior parti taghhom in-natura ta' dawn ir-rapporti huma relatati ma' vjolenza domestika, filwaqt li ohrajn ma nuqqas ta' hlas ta'manteniment da parti tal-intimat. Fir-rigward tar-rapport f' Dok LBE6, ix-xhud jindika illi f'dan l-akkadut kien hemm anke update mill-victim support unit li kien qed isegwi lill-attrici.

***Stefan Sacco, rapprezentant ta' Michael Attard Ltd xehed nhar it-28 ta'Jannar 2020 (Vide fol 909 et seq)*** u spjega illi filwaqt li hemm karozzi li gew ritornati wara li kien hemm problemi bil-pagamenti, hemm karozzi minnhom li kien sar arrangament bejn Michael Attard u l-intimat. Izid illi hemm karozzi minnhom li bieghhom l-intimat stess, izda pero'ghad fadal xi bilanci dovuti. Ix-xhud jikkonferma illi kien hemm sekwestru, izda m'ghadhomx isegwu minn dan l-aspett u dana stante li l-intimat beda jikkoperara u ma komplewx jaghfsu. Illi pero' l-intimat filli jikkopera u filli ma taqbdux izjed. Ix-xhud izda jikkonferma li l-attrici ikkoperat maghhom.

***Reuben Bonnici mill-ARMS xehed nhar it-12 ta' November 2020 (Vide fol 976),*** filwaqt li prezenta numru ta' dokumenti, spjega illi l-kontijiet fuq il-fond M.G.M Court Flat 2 Triq il-Mensija San Gwann huma intestati fuq l-intimat.

***Sonia Consiglio mill-Identity Malta, xehdet nhar it-12 ta' Novembru 2020 (Vide fol 979)*** u prezentat ricerki fuq proprjeta tal-kontendenti.

[1] Dok LBE1-LBE6 jirrigwardaw rapport fuq vjolenza domestika filwaqt li Dok LBE7-Dok LBE 18 jikkoncernaw rapport rigward nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

***Dr Ralph Agius Fernandez, Avukat fi hdan l-HSBC Bank Malta plc xehed nhar it-28 ta' Jannar 2021(Vide fol 1167),*** u spjega illi f'April 2019 il-bank beda proceduri kontra l-partijiet liema proceduri sad-data tat-testimonjanza kienu ghadhom pendenti, u dana minhabba facilita' ta' *maxi credit* li kien joint bejn il-konjugi. Izid illi l-partijiet waqghu lura fil-pagamenti u allura l-bank mexxa biex jottjena sentenza fil-konfront taghhom ta' kundanna ta' hlas. Illi l-ammont dovut, liema ammont ghadu pendenti, sa April 2019 kien jammonta ghal circa EUR 64, 634. 77. Illi fl-imsemmija proceduri l-intimat huwa kontumaci. Fir-rigward tal-*home loan*, il-pagamenti qeghdin isiru mill-attrici u m'hemmx kuntatt mal-intimat. Jispjega ukoll illi hemm garanzija fuq il-fond Flat 2, M.G.M Court, Mensija Road San Gwann, li f'kaz ta' sentenza favur il-bank, trid taghmel tajjeb ghal inadempjenza tal-intimat.

***Dr Mark Xuereb ri-prodott nhar l-14 ta' Jannar 2021 (Vide fol 1004 et seq)*** spjega illi l-intimat kellu problemi ta' drogi u xorb, problemi ta' flus, u problemi ta' relazzjoni mal-*ex partner* tieghu. Izid illi l-intimat kien jabbuza mill-*alcohol* u d-droga u fir-rigward kien tah *treatment* kemm il-darba, li kienet tikkonsisti kemm f'medicina, terapija u *life style changes*. Illi pero', dan l-ahhar, l-intimat ma kienx qieghed jattendi ghas-sessjonijiet u l-ahhar li rah kien f'Marzu qabel il-*lock down* u f'dana l-istadju m'ghandux informazzjoni fuqu. Fir-rigward tal-attrici, ix-xhud jixhed illi l-attrici attendiet regolarment ghas-sessjonijiet u li dejjem ikollaborat, hija persuna edukata, u jidher li hemm rapport tajjeb bejn it-tifla u l-omm. Rigward it-tifla jishaq illi hija tifla brava u intelligenti.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit esebit a fol 1119 et seq,*** fejn spjegat illi hi u l-intimat izzewgu fit-8 ta' Lulju 2000 u kienu ilhom mizzewgin sbatax (17)- il sena u minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri YB fis- 26 ta' Novemberu 2007. Meta iltaqghat mal-intimat kienet ghadha kif ghaddiet minn separazzjoni ohra, mill-liema relazzjoni hija kellha tifla ohra. Izzid illi dak iz-zmien kienet qieghda Malta bil-visa izda kellha xi problemi f'dan ir-rigward u kien hemm cans li tigi deportata lura l-Bulgarija. Biex isolvi din il-problema, l-intimat kien ippropona li jizzewgu u hi kienet accettat. Tistqarr illi fil-bidu taz-zwieg ma kellhix xi tgerger fl-intimat u l-ewwel snin kienu relattivament hienja. Illi pero' l-intimat mill-bidu kellu dipendenza fuq l-alcohol u d-droga, tant li kellha tidra tghix biha ghaliex kull darba li kienet tipprova tiftahlu ghajnejh kienet qisha qed tkellem fil-vojt, tant li dawn il-problemi saru parti integrali mill-hajja matrimonjali taghhom. Izzid illi l-intimat kien ikun irid illi bilfors ikollu l-ahhar kelma f'kull argument, kien jghajjar lill-attrici u kien anke jghajjat b'mod isteriku u bdiet tissuspetta li jsofri

minn *bipolar disorder*. Ta' spiss kien isikkitha, jghajjat u jghidilha li l-opinjoni taghha ma tfisser xejn.

Tispjega illi fit-2002 kellu argument mat-tifla l-ohra taghha, tant li kien qabad u kecciha mid-dar u darbtejn f'xahar kien imur jixrob ma' shabu jigi lura d-dar fis-sakra u jibda jkisser l-ghamara. Gieli anke kienet issib il-karozza mimlijja daqqiet. Tishaq illi l-burdati tieghu kienu jinbidlu minn hin ghall-iehor, u f'episodju minnhom, kien anke jsawwatha ghalxejn u akkuzaha li t-tarbija mhux tieghu. Tispjega illi tant kien sar vjolenti u inkontrollabbi li kienet tibza' li jekk tikkonfrontah kienet tispicca aghar. Aktar ma ghaddew is-snin, is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar. Tixhed illi darba minnhom l-intimat kien mar id-dar abjad karti fis-sakra u intossikat bid-droga.

Tkompli illi l-ewwel darba li telghu l-Qorti fuq akkuzi ta' vjolenza domestika kien fl-2014, u dan wara li f'San Valentinu kienu hargu jieklu bhala familja u xhin lestew mill-ikel minkejja li kien sar il-hin, beda jinsisti li jmorru Paceville. X'hin l-attrici spjegatlu illi Paceville mhux post fejn ghandhom imorru bil-minuri, ifferocja u refa idejh fuqha u kkawzalha griehi gravi, tant li wassalhom id-dar u telaq l' hemm. Izzid illi dakinhar imbaghad marret l-ghassa u ghamlet rapport pero gara li matul il-kawza, l-intimat beda jinsiti li ser jinbidel u ser jaghmel minn kollox biex jitrangaw l-affarijiet, tant li l-attrici kienet irtirat l-akkuza. Minkejja dan, l-intimat ssokkta fil-hajja ta' vizzju li kien qabghad u maz-zmien il-vizzji zdiedu tant li sahansitra kienet issib pakketti tal-kokaina id-dar mohbija fil-linef jew wara xi tazzi fl-armarju.

Ma' dawn zdiedu l-problemi finanzjarji. Illi tirrakonta li fil-bidu taz-zwieg l-intimat kien kera garage u beda joffri s-servizzi ta' *panel beater* u meta harget tqila kienet iddecidiet li tieqaf tahdem. Illi kien biss maz-zmien li bdiet tiskopri li beda jahbilha l-fatt li kien hemm id-dejn. Meta t-tifla kellha hames (5) snin iddecieda li jespandi n-negozju u xtara n-negozju ta' habib tieghu certu Michael Attard. L-attrici tirrileva illi hi kienet tghinu u meta bdew bir-*rent a car* kien waqa' kollox fuqha, ghaliex mhux talli l-intimat ma kienx ta' ghajuna, imma talli kien johrog jixrob ma' shabu u jersaq lura d-dar wara jumejn. Filfatt, fl-2015 in-negozju beda sejjer hazin tant li l-intimat kien xtara *taxi* bl-iskop li jergu jiggeneraw aktar xoghol. F'dana l-istadju ghalkemm hi kienet taht l-impressjoni li l-flus kienu qeghdin jintuzaw biex jithallsu l-*loans,* l-intimat kien qieghed iberbaq il-flus f'kokakina u *alcohol* u spiccat tiehu hsieb it-*taxi* hi ukoll, tant li kien ikollha thalli lit-tifla d-dar wahida. Sussegwentement fl-2016, il-kontendenti kienu laqghu lin-neputi tal-intimat certu Matthew f'darhom u dan wara li dan kien spicca f'Istitut,

izda wara ftit l-attrici skopriet illi kien hemm abbuz da parti ta' dan in-neputi fuq bintha li dak iz-zmien kellha disa' (9) snin. Illi kien f'dan l-istadju li hi bdiet tmur l-Appogg minn wara dahar l-intimat.

Fl-2017 bdew jahdmu mal-*Malta Transfers* u kien hemmhekk li 'l-intimat iltaqgha ma JC, li llum hija l-*partner* tal-intimat. Dak iz-zmien din Cutajar kienet ghaddejja minn problemi minn mar-ragel taghha u kienet ukoll tbati mill-vizzju tad-droga. L-attrici tispjega illi kienet bdiet tinnota certu attegjamenti da parti tal-intimat tant li kien halsilhom passagg ghall- Bulgaria anke meta ma kellhomx flus. L-attrici tishaq illi l-intimat ra din il-vakanza bhala opportunita' biex ikun jista' jqatta dawk il-jiem ma' JC. Filfatt wara li gew lura mill-Bulgaria qatt ma kienu jarawh id-dar u meta kien ikun id-dar kien jghajjat u jsabbat u jghajjarha. Taghmel accenn ghal okkazzjoni fejn kienet organizzatlu s*urprise party* ghall-intimat f'gheluq sninu, u l-intimat lanqas biss tfacca u meta mar lura d-dar kien f'sakra ma jarax art u intossikat bid-droga. L-intimat beda jghajjat maghha ghaliex ma kienet organizzatlu xejn. Izzid illi kemm il-darba ppruvat tghinu imma qatt ma ried jaf. Darba minnhom tispjega illi kien gab lil JC torqod ghandhom ghal tlett ijiem, u kienet propju JC li nfurmata li kien ha *over dose* meta suppost kien qieghed jiehu hsieb lill-minuri. Wara dan l-akkadut, l-intimat kien ghamel gimghatejn l-isptar u mill-isptar kien informa lill-attrici li ma kienx bi hsibu jirritorna aktar id-dar. Isostni illi mal-professjonisti hu kien sostna li kienu ghaddejjin minn separazzjoni, mentri dak iz-zmien kienu ghadhom flimkien. Illi minn hemm l-intimat u JC marru jghixu fil-garage tal-Marsa.

L-attrici zzid illi ghadha sal-lum tipprova thallas id-djun li dahhalhom fihom l-intimat u li hemm zewg *loans* mal-HSBC u cioe il-*home loan* u l-*maxi credit* li kienu hadu meta iddecieda li jespandi l-*business.* Tixhed illi mill-*maxi credit* qatt ma thallas xejn minnu, mentri fir-rigward tal-loan, hallset disgha u ghoxrin (29) pagament ta' EUR 410 il-wiehed li jammontaw ghall EUR 11,890. Hija hallset ukoll l-*home insurance* fl-ammont ta' EUR 83 fis-sena. Tirrileva illi l-intimat kien ilhu ma jhallas il-kontijiet tad-dawl u dak tal-kondominju. Tixhed illi kien hemm drabi wara li telaq mid-dar fejn kien imur d-dar matrimonjali meta ma kienitx tkun hemm biex ifittex il-flus u darba minnhom kien anke ha *cheque* ta' EUR 2,300. Meta kienet talbitu biex ihallas il-loans tal-bank minnhom, huwa kien naqas milli jaghmel dan u llum ilu  zmien twil ma jikkontrobwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

Fir-rigward tar-relazzjoni tal-minuri mal-intimat, tirrileva illi l-minuri qatt ma riedet titlef ir-relazzjoni taghha ma' missierha imma minhabba fih ghexet esperjenzi koroh. Meta l-minuri kellha hdax (11)- il sena, kien hadha tghix mieghu u mal-*partner* tieghu, minghajr ma avzaha u ma kienx qieghed jibghatha l-iskola. Filfatt kienet intavolat rikors biex tiehu lit-tifla maghha u kienu gabruha l-marixxalli mill-iskola. Fl-istess zmien, kien anke qabad u ha l-passaport tal-minuri mid-dar u kienet ghamlet rapport l-ghassa fuq dan. Wara dan l-episodju il-minuri bdiet tkun anzjuza kull meta tara lil missierha jghajjat u fil-fatt kienet qieghda tmur ghand psikologu ghall-ghajnuna ghaliex ghalkemm thobb lil missierha, il-verita' hi li hi mwerwra minnu. Illi bhalissa l-access isir bis-supervizjoni tal-Appogg izda mhux l-ewwel darba li marru ghall-access u ghamlu siegha jistennewh. *Ormai* ilhom tlett (3) snin jghixu wahidhom u illum il-guranta qieghda tahdem mal-Captain Morgan fuq bazi *full time*.

***Eric Fenech Sevasta, Acting Director Corporate Affairs fi hdan il-Kunsill Malti ghall-Arti xehed nhar it-3 ta'Marzu 2021 (Vide fol 1144)*** spjega illi fil-15 ta' Jannar 2017, YK Services ipprezentaw kwotazzjoni lill-Kunsill Malti ghall-Arti u fl- 24 ta'Jannar 2017, din il-kwotazzjoni giet approvata u kien sar *agreement* li ha jsir kiri ta' karozzi ghal pejodu ta' sena mill-1 ta' Frar 2017 sal 31 ta' Jannar 2018. Izid illi l-kuntratt ma kienx gie estiz u kienu halsu EUR 12,653.53. Jikkonferma illi YK services kienet tghajjat lil KB.

**Ikkonsidrat:**

Il-procedura odjerna jirrigwardaw talba ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju, eccessi, minaccji, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha, flimkien ma kontro-talba da parti tal-intimat b'talbiet simili, ghal-liema kontro-talba, l-attrici resqet l-eccezzjonijiet taghha.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-

ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u***

> ***avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*** [2]

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-***

---

[2] 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG.

> ***rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018**, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn: u cioe' li l-abbandun jrid isehh ghal sentejn jew izjed, u li dan l-abbandun ikun sehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[3], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun***

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

***mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[4] fejn il-Qorti sostniet illi:

***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Lulju 2000. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla, YB li llum ghandha circa tlettax (13) – il sena. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu wara li l-attrici kienet ghadha kif sseparat minn mal-ewwel ragel taghha, meta kellha problemi minhabba l-visa taghha, u l-partijiet kienu ddecidew li jizzewgu sabiex jghelbu dan l-ostaklu. Illi jidher illi l-attrici qieghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri filwaqt li l-intimat qieghed jirrisjedi flimkien mal-partner tieghu l-Marsa.

Illi jirrizulta wkoll illi l-intimat kien qieghed isegwi terapija ma' Dr Mark Xuereb, u dana fid-dawl ta' episodji fejn l-intimat kien ha *over dose* ta' medicina u fl-isfond li gia kien hemm episodju iehor fejn l-intimat kien ghamel tenattiv ta' suwicidju.

Il-Qorti rat ukoll illi fit-30 ta' Jannar 2020, kienet l-ahhar darba li l-intimat attenda quddiem dina l-Qorti b'dana illi kienu gew allokati diversi seduti bl-intiza li l-intimat iressaq l-provi tieghu. Provi ma tressqux u fit-12 ta' Lulju 2021 din il-Qorti ddikjarat il-provi tal-intimat

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

maghluqa, b'dana illi l-intimat kellu xahar zmien biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda baqa inadempjenti.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat. Il-Qorti rat illi mit-30 ta' Jannar 2020, l-intimat ma deher ghal ebda seduta ohra quddiem din il-Qorti u ma ppresenta ebda dokumentazzjoni ohra biex jissostanza l-eccezzjonijiet tieghu jew t-talbiet tieghu kontenuti fil-kontro-talba. Il-Qorti rat ukoll illi l-avukat difensur tieghu lanqas ma dehret aktar. Illi infatti anke wara li din il-Qorti kienet kostretta taghlaq l-istadju tal-provi tal-intimat, minkejja li akkordat l-opportunita sabiex l-istess intimat jippresenta nota tas-sottomissjonijiet tieghu, l-intimat baqa inadempjenti. Ghalhekk u in vista ta' dana kollu, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta illi huwa tal-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Illi mill-affidavit tal-attrici jidher b'mod car illi d-dipendenza tal-intimat fuq l-alcohol u d-droga kienet piz enormi fuq iz-zwieg u l-familja taghhom, dipendenza li kienet ikkonfermata wkoll minn Dr Xuereb fit-testimonjanzi tieghu. Illi mill-provi prodotti rrizulta li d-dipendenza tal-konvenut fuq d-drogi u alcohol immanifestat ruhha f'komportament aggressiv, instabbli, isteriku, vjolenti u dispreggattiv fil-konfront tal-attrici. Illi filfatt fl-affidavit taghha, l-attrici telenka diversi episodji, liema episodji huma korraboratti mid-diversi rapporti tal-Pulizija esebiti mill-Ispettur Leroy Balzan maghmula mill-attrici fil-konfront ta' zewgha, fejn numru sostanzjali minnhom kienu fil-fatt dwar vjolenza domestika, tant li kif xehed l-Ispettur Leroy Balzan, kien hemm perjodu fejn l-attrici kienet qieghda tigi segwita mill-Victim Support Unit.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi kif jirrizulta mid-dokument A (*a fol 6 tal-process)* pprezentat flimkien mar-rikors promotur, l-intimat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat li insulenta jew hedded, u li hebb ghall-attrici b'mod li kkagunalha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha kif certifikat, u l-Qorti tal-Magistrati kienet ordnat il-Hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sena fil-konfront tal-attrici.

Il-Qorti tifhem illi dak subit mill-attrici da parti tal-intimat zewgha, kien xprunat mid-dipendenza tieghu fuq l-alchol u d-droga, u liema dipendenza eskalat mat-trapassar taz-zmien. Il-Qorti tifhem ukoll li l-intimat ***qatt*** ma fittex l-ghajnuna sabiex jeghleb dawn il-vizzji li qerdu l-hajja tieghu kif ukoll tal-membri tal-familja tieghu. Illi wkoll fl-ahhar testimonjanza tieghu, Dr Xuereb jistqarr illi huwa tilef il-kuntatt minn mal-intimat, u filfatt, kif diga osservat din il-Qorti iktar qabel, l-intimat kien ilhu zmien ma jattendi ghas-seduti quddiemha. Illi tali komportament, jitfa' dawl fuq l-inaffidabilita' tal-konvenut.

Illi din id-dipendenza tal-intimat fuq sustanzi illeciti u alcohol, gabet ukoll piz finanzjarju fuq in-negozju tal-partijiet, liema piz waqa' kollu fuq l-attrici. Illi mhux talli n-negozju ma kienx sejjer tajjeb, illi talli l-intimat flok beda jhallas l-loans, beda jonfoq il-ftit flus li kienu qieghdin jiggeneraw fid-drogi u x-xorb. Il-Qorti rat kif filwaqt li l-attrici kienet qieghda taghmel iktar minn dak li kien umanament possibbli fic-cirkostanzi, il-konvenut kompla jfarrak dak li kienu bnew fl-ewwel snin taz-zwieg taghhom anke ghaliex kien konsapevoli li fl-ipotesi li l-bank kellu jiehu xi tip ta'azzjoni, kienet id-dar matrimonjali li kienet ser taghmel tajjeb ghal dan, bil-konsegwenza li l-attrici u l-minuri jispiccaw bla saqaf fuq rashom. Illi dan it-tberbiq ta' flus minghajr ebda rigward ghall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-kopja u ghall-ispejjes inkorsi mill-familja tieghu, l-intimat rrenda lilu nnifsu wkoll hati ta' vjolenza emozzjonali u krudelta.

Illi *addirittura*, il-Qorti rat ukoll kif il-presenza ta' JC, l-*partner* stabbilita tal-intimat, lejn l-ahhar parti taz-zwieg tal-partijiet kienet kwazi kwazi presenza fissa, tant li l-attrici xehdet illi l-intimat kien gabha, mara barranija, torqod ghandhom meta din sfat imkeccija mir-ragel taghha. Il-Qorti rat ukoll kif l-imsemmija JC kienet mal-intimat kemm meta ha l-*overdose* tal-pilloli preskritti lilu minhabba il- *bi-polar disorder.* Il-Qorti rat ukoll li kienet JC ukoll il-persuna li ffirmat ghar-rilaxx tal-intimat mill-isptar it-tieni darba li huwa ttenta li jnehhi hajtu. Dana kollu sehh meta l-kontendenti kienu ghadhom jghixu flimkien, tant illi l-attrici kienet cemplitlu biex tara meta ser jigi relaxxat mill-isptar, meta, kiesah u biered, qalilha illi ma kienx gej lura d-dar minhabba li fid-dar kien qieghed jisma hafna vucijiet. Eppure mal-ufficjali tal-isptar l-intimat stqarr illi dak li ghamel kien konsegwenza tas-separazzjoni li kien ghaddej minnha, mentri dan ma kienx il-kaz.

Din il-Qorti dejjem dehrilha illi l-konjugu li jkun hati ta' adulterju, tkun xi tkun ir-raguni wara tali komportament, ghandu jbati l-konsegwenzi li tali adulterju jgib mieghu, ghaliex b'tali ghemil, wiehed indubjament ikompli jfarrak kwalsiasi possibilita' li z-zwieg jista'

possibbilment jigi b'xi mod salvat. Illi kif diga ritenut, huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mix-xhieda tal-attrici u anke dak rilevat minn Dr Xuereb, dwar l-involviment ta' Cutajar fil-kura tal-intimat, ir-relazzjoni bejn l-intimat u Cutajar kienet wahda li tmur oltre minn semplici hbiberija, u l-presenza taghha a skapitu ta' dik ta' martu f'cirkostanzi fuq indikati, ma jahallu ebda dubju illi kien hemm adulterju da parti tal-intimat ghaz-zmien konsiderevoli.

Illi filfatt, tant ir-relazzjoni ma' Cutajar kienet wahda ghal qalb l-intimat, illi tali relazzjoni effettivament wasslet ghall-abbandun tal-intimat, meta bhall-erbgha fost il-gimgha, fuq telefonata, informa lill-attrici li huwa ma kienx ser jirritorna lura d-dar matrimonjali. Illi filfatt l-attrici xehdet illi ormai hi u bint il-partijiet ilhom tlett snin jghixu wahidhom, waqt li l-intimat kif appena hareg mill-isptar mar jghammar ma' Cutajar f'*garage* tal-Marsa. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-intenzjoni tal-intimat hija wahda cara b'dana illi dan jammonta ghall-abbandun volontarju u ingust da parti tal-intimat.

Illi maghdud ma'dan, din il-Qorti rat ukoll illi l-intimat naqas mill-obbligu tieghu ta'genitur versu bintu YB, tant li lejn l-ahhar tal-proceduri, l-minuri bdiet turi riluttanza kbira biex tattendi ghall-access ma' missierha. Il-Qorti tosserva illi l-martirju li l-intimat ghadda lill-attrici minnu, indubjament halla impatt fuq il-minuri li sfortunatament, ghaliex kienet diga' tfarfret xi ftit, u allura setghet tifhem dak li qieghed jigri. Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, a kawza ta' adulterju, abbandun u offizi gravi da parti tal-intimat fuq l-attrici.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***"

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, siccome li l-intimat huwa ħati ta' adulterju u abbandun, il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti regghet rat is-sentenza *in parte* datata 22 ta' Novembru 2019 li permezz taghha, ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ghadha *in vigore* bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti rat illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

- Id-Dar Matrimonjali fl-indirizz M.G.M. Court Flat 2, Triq il-Mensija San Gwann flimkien mad-dejn ezistenti fuqha mal-bank kummercjali HSBC Bank Malta plc;
- Il-Garage bl-isem ***Tweety Garage, 6, Triq ix-Xwieni Marsa***;
- In-negozju ta' Car Rentals u Taxi Service bl-isem YK Services flimkien mal-assi u d-dejn in konnessjoni mal-istess negozju kemm ma' Michael Attard u kif ukoll il-Maxi Credit Facility mal-HSBC Bank Malta plc;
- Kontijiet Bankarji; u
- Tlett Vetturi.

***Propjeta: Dar Matrimonjali***

Il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta illi d-dar matrimonjali inxtrat fiz-zwieg u giet akwistata mill-partijiet wara li dawn hadu self minn bank kummercjali, u cioe mill-HSBC Bank, liema loan ghadu qieghed jithallas mir-rikorrenti permezz ta' pagamenti mensili ta' circa EUR 410 fix-xahar.

Wara li din il-Qorti qieset is-snin shah ta' turbolenza li soffrew l-attrici u bint il-partijiet YB, il-Qorti tqis li ghandha tilqa' t-talba tal-attrici u tassenja id-dar matrimonjali fl-intier taghha lill-attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex, flimkien ma' bint il-partijiet YB, tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ghal kull buon fini tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond.

Fir-rigward tal-*home loan* fuq l-imsemmi fond, din il-Qorti tordna illi l-bilanc tal-*home loan* fuq l-imsemmi fond ghandu wkoll jigi assenjat lill-attrici, b'dana illi l-ammont rimanenti ghandu jithallas unikament mill-attrici. Illi wkoll, l-attrici tissottometti illi hija ghandha tigi rifuza nofs il-hlasijiet kollha ta'dejn li hija halset mix-xahar ta' Novembru 2019.

Din il-Qorti tqis illi gialadarba l-intimat huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, bl-aktar mod gravi, huwa ma jistax jippretendi li jigi ezentat minn dawn l-obbligi a skapitu tal-attrici. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna lill-intimat jirrifondi lill-attrici nofs il-hlasijiet kollha maghmula mill-istess attrici versu l-*home loan* mix-xahar ta' Novembru 2019, flimkien ma' nofs il-hlasijiet li saru versu l-i*nsurance policy* annwali fuq l-istess fond, spejjez relatati mal-*condominum*, kontijiet tad-dawl u ilma u dana sad-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti tordna illi kwalsiasi l-kontijiet dovuti ghas-servizzi ta' dawl u ilma, dawk relatati mal-komun, manutenzjoni tal-imsemmi fond, home insurance, dawk tal-internet, telephone, television, etc ghandhom ikunu a karigu tal-attrici mid-data ta' din is-sentenza, stante li l-istess attrici ser tkun qieghda tabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tal-intimat. Illi ghalhekk tawtorizza lill-attrici taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-kont tal-ARMS jigi trasferit fuq isem l-attrici u dan mingajr il-htiega ta'firem u/jew kunsens tal-konvenut.

***Mobbli:***

Illi l-mobbli fid-dar matrimonjali qeghdin jigu assenjati lill-attrici. Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu.

***Garage Tweety Garage 6 Triq ix-Xwieni Marsa***

Il-Qorti rat illi l-garage in kwistjoni kien inxtara mill-partijiet fiz-zwieg u li mill-imsemmi *garage* l-partijiet kienu joperaw in-negozju. Illi jidher ukoll illi l-intimat qieghed jirrisjedi fl-

imsemmi *garage*. Illi l-Qort rat illi kienet l-attrici li dejjem hadet hsieb in-negozju meta l-intimat kien mahkum mil-vizzju tal-*alcohol* u d-droga. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis illi l-imsemmi garage ghandu jinbiegh fis-suq liberu bi prezz mifthiem bejn il-partijiet fi zmien sentejn minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat, u fin-nuqqas jinbiegh b'licitazzjoni. Illi r-rikavat mill-bejgh tal-garage ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali. Illi pero' din il-Qorti tordna illi minn sehem l-intimat, l-attrici ghandha tigi rifuza nofs il-hlasijiet tal-home loan, insurance u l-ispejjes relatati mal-condominium, dawl u ilma, u telephone u kif ukoll is-somma ta' EUR 1061.96 rapprezentati sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, dovuti lill-attrici skond is-sentenza tat-Tribunal ghall-Affrarijiet iz-Zghar esebita in atti.

***In-Negozju:***

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda relattiva, din il-Qorti tqis li ghandha tassenja in-negozju bl-isem YK Services, Car Rentals, u Taxi Service, flimkien mal-assi rimanenti, il-profitti, krediti, il-goodwill fl-eventwalita li dan jirrizulta, u kwalunkwe beneficcju iehor tal-imsemmija negozju flimkien ma' kull dejn in konnessjoni mal-istess negozju, inkluz izda mhux limitatament ghall-Maxi Credit mehud in konnessjoni mal-istess negozju mal-HSBC Bank Malta, unikament lill-konvenut. Illi ulterjorment il-bilanci pendenti ma' Michael Attard Ltd, fl-eventwalita' li ghad hemm xi pendenzi rimanenti qieghed jigi ukoll assenjat esklussivament lill-konvenut.

***Kontijiet Bankarji:***

Mill-provi in atti jirrizulta illi hemm is-segwenti kontijiet bankarji li ghadhom ezistenti:

Fuq isem l-attrici ISB irrizultaw is-segwenti kontijiet:

- Savings account 01320103350 li nfetah fl- 4 ta Mejju 2007 u ghadu miftuh (Dok LA1)
- Savings account iehor 056124571050 li nfetah fit 2 ta' Mejju 2001 u ghadu miftuh (Dok LA2)
- Current account 075047332001 li nfetah fit 21 ta'Frar 2005 u ghadu miftuh (Dok LA3)
- Savings account 075047332050 li wkoll ghadu miftuh (Dok LA 4)
- Savings account 075047332051 li wkoll ghadu miftuh (Dok LA5)

Fuq isem l-intimat KB irrizultaw is-segwenti kontijiet:

- Savings Account 013201041050 nfetah 4 ta' Mejju 2007 (Dok LAX1)
- Loan Account 075161562340 (Dok LAX2)

Fir-rigward ta' kontijiet kongunti f'isem iz-zewg partijiet irrizultaw is-segwenti:

- Current Account A/C Tweety Garage 037032216001 li nfetah fis 16 ta Jannar 2002 (Dok LAJ1);
- Loan Account 040145401200 (Dok LAJ2) li jidher li huwa konness mal-current account A/C Tweety Garage 037032216001 li nfetah fis 16 ta Jannar 2002 (Dok LAJ1);
- Loan Account ma Mortgages Department (Dok LAJ7) 13719055 li huwa il- home loan fuq id-dar matrimonjali;
- Account 18078280 (Dok LAJ8) – Maxi Credit Facility

Fir-rigward tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, u bl-istess mod tassenja dawn il-kontijiet bankjarji intestati fuq isem il-konvenut lill-konvenut.

Fir-rigward tal-kontijiet kongunti, kif diga indikat aktar kmieni, din il-Qorti tassenja il-Loan Account bin-numru 13719055 li huwa il-*home loan account* fuq id-dar matrimonjali, lill-attrici stante li d-dar matrimonjali ser tkun assenjata esklussivament lilha, filwaqt li l-Account bin-numru Account 18078280 li huwa l- *Maxi Credit Facility* huwa assenjat esklussivament lill-konvenut b'dana illi huwa l-konvenut wahdu li jrid jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet pendenti.

Illi l-Current Account A/C Tweety Garage 037032216001 li nfetah fis 16 ta Jannar 2002 jidher li fih bilanc negligibbli u li l-*loan account* bin-numru 040145401200 jidher li huwa konness mal-current account A/C Tweety Garage 037032216001. Illi stante li dawn il-kontijiet u obbligazzjonijiet huma relatati man-negozju tal-intimat, din il-Qorti tassenja z-zewg kontijiet esklussivament lill-intimat.

***Vetturi:***

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ghandhom tlett vetturi; *Toyota Passo* registrata fuq isem l-attrici, *Subaru Impreza* u *Renault Megane*, it-tnejn registrati f'isem il-konvenut. Illi din il-Qorti tordna illi il-partijiet ghandhom jigu assenjati dik il-vettura/i li fil-prezent qieghda/qeghdin intestati f'isimhom b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra ezistenti fil-konfront ta' dik l-istess vettura.

***Kura u Kustodja ta' YB:***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri YB.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [5] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[6] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din***

[5] Enfazi tal-Qorti.
[6] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

> ***insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[7]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi, jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[8] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[9]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[10] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni***

[7] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[8] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*** [11]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[12]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*** [13]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[11] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[12] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[13] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[14] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Wara li din il-Qorti qieset l-attagjament tal-intimat tul iz-zwieg kemm versu martu u kif ukoll dak versu bint, id-dipendenza tieghu fuq drogi u alcohol fuq medda konsideravoli ta snin, tirrendi l-intimat persuna inaffidabbli u cioe dak illi hu kategorizzat bhala *'an unfit parent'*. Dan qed jinghad ukoll minhabba l-fatt illi l-intimat qatt ma pprova jikseb l-ghajnuna professjonali biex jeghleb dawn il-vizzji. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri YB li llum ghandha tlettax (13) – il sena, li l-attrici omm tkun vestita fil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni ta' dak li gie riportat mill-minuri lill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, tqis illi x-xewqat tal-minuri li llum m'ghadhiex tifla imma, tfajla ta' tlettax (13) – il sena, jimmeritaw konsiderazzjoni. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dak sottomess mill-abbli Dr Stephanie Galea fir-rapport taghha datat 15 ta'Marzu 2021, din il-Qorti, filwaqt illi tirrevoka d-digriet taghha tal-31 t'Ottubru 2020 tordna illi l-access tal-intimat ma'bintu YB ghandu jsir bil-mod segwenti u cioe b'mod alternat fil-gurnata tas-Sibt fl-ewwel gimgha u fil-gimgha sussegwenti, il-Hadd mid-9:00am sa nofsinhar minghajr il-htiega ta' supervizjoni.

***Manteniment ghal bint il-partijiet YB:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

---

[14] Enfazi tal-Qorti.

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-***

> ***introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996)** deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi l-intimat ghandu jhallas s-somma ta' EUR 350 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri YB, liema ammont ghandu jigi vversat direttament f'kont bankarju indikat mill-attrici wara li dan jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi benefficji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi, u liema ammont ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-manteniment ghandu jibqa jigi vversat sakemm l-istess YB taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess tibqa' tistudja u ma tahdimx *full-time.* Illi din is-somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes edukattivi, dawk ta' sahha u kif ukoll dawk extra-kurrikulari.

***Manteniment ghall-Attrici:***

Il-Qorti rat illi l-attrici flimkien mat-talba ghall-manteniment ghall-bint il-partijiet, resqet talba ghall-manteniment ghaliha. Illi din il-Qorti ma tqisx illi tali talba hija flokha specjalment in vista tal-fatt li l-attrici fil-present ghandha impieg fuq bazi full-time. Illi ghalhekk din il-Qorti tichad tali talba.

Illi pero' din il- Qorti jidhrilha illi ghandha tirriserva d-dritt tal-attrici li hija ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew f'kas li titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat u tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat limitatament kif ser jinghad, waqt li fir-rigward tal-attrici:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri YB esklussivament lill-attrici omm, b'dana illi l-minuri ghandha tirrisjedi mal-omm. Illi l-intimat missier qieghed jinghata access b'mod alternat fil-gurnata tas-Sibt fl-ewwel gimgha u fil-gimgha sussegwenti, il-Hadd mid-9:00am sa nofsinhar minghajr il-htiega ta' supervizjoni.**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 350 fix-xahar bhala manteniment ghal YB bint il-partijiet lill-attrici, liema ammont ghandu jigi vversat f'kont bankarju indikat mill-istess attrici wara li dan jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi benefficji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi, u liema ammont ghandu**

**jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-manteniment ghandu jibqa jigi vversat sakemm l-istess YB taghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess tibqa' tistudja u ma tahdimx full-time. Illi din is-somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes edukattivi, dawk ta'sahha u kif ukoll dawk extra-kurrikulari.**

4. **Tichad ir-raba talba stante li l-attrici ghandha impieg fuq bazi full-time, izda din il-Qorti tordna li jibqa impregudikat d-dritt tal-attrici li ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut**.

5. **Tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

   i. **Tassenja lill-attrici il-vettura tal-ghamla *Toyota Passo* registrata fuq isem l-attrici, filwaqt li tassenja il-vetturi tal-ghamla *Subaru Impreza* u *Renault Megane*, it-tnejn registrati f'isem il-konvenut lill-konvenut. Tordna illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra ezistenti fil-konfront ta' dik l-istess vettura.**
   ii. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti.**
   iii. **Tordna u tassenja id-dar matrimonjali M.G.M. Court, Flat 2, Triq il-Mensija San Gwann esklussivament lill-attrici li ghandha tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri YB u dan**

**ad eskluzjoni tal-intimat b'dana illi l-intimat ghandu jizgombra hwejjgu mid-dar matrimonjali entro xahar minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.**

iv. **Tordna illi l-mobbli fid-dar matrimonjali jigu assenjati lill-attrici.**

v. **Tordna illi l-Garage bl-isem ***Tweety Garage 6 Triq ix-Xwieni Marsa*** ghandu jinbiegh fis-suq liberu fi zmien sentejn minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat, u fin-nuqqas jinbiegh b'licitazzjoni. Illi r-rikavat mill-bejgh tal-garage ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali. Illi pero' din il-Qorti tordna illi minn sehem l-intimat, l-attrici ghandha tigi rifuza nofs il-hlasijiet tal-home loan, insurance u l-ispejjes relatati mal-condominium, dawl u ilma, u telephone li hija wetqet mit-22 ta' Novembru 2019 sad-data li din s-sentenza tghaddi in gudikat, u kif ukoll is-somma ta' EUR 1061.96 rapprezentati sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, dovuti lill-attrici skond is-sentenza tat-Tribunal ghall-Affarijiet iz-Zghar esebita in atti.**

vi. **Tordna u assenja in-negozju bl-isem YK Services, Car Rentals, u Taxi Service, flimkien mal-assi rimanenti, il-profitti, krediti, il-goodwill fl-eventwalita li dan jirrizulta, u kwalunkwe beneficcju iehor tal-imsemmija negozju flimkien ma' kull dejn in konnessjoni mal-istess negozju, inkluz izda mhux limitatament ghall-Maxi Credit mehud in konnessjoni mal-istess negozju mal-HSBC Bank Malta, unikament lill-konvenut. Illi ulterjorment il-bilanci pendenti ma' Michael Attard Ltd, fl-eventwalita' li ghad hemm xi pendenzi rimanenti qieghed jigi ukoll assenjat esklussivament lill-konvenut.**

vii. **Rigward kontijiet bankarji:**

a. **Fir-rigward tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, din il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, u bl-istess mod tassenja dawk il-kontijiet bankjarji intestati fuq isem il-konvenut lill-konvenut.**
b. **Fir-rigward tal-kontijiet kongunti, din il-Qorti tassenja il-Loan Account bin-numru 13719055 li huwa il-*home loan account* fuq id-dar matrimonjali, lill-attrici stante li d-dar matrimonjali qed tigi assenjata esklussivament lilha;**
c. **L-Account bin-numru Account 18078280 li huwa l- *Maxi Credit Facility* huwa assenjat esklussivament lill-konvenut b'dana illi huwa l-konvenut wahdu li jrid jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet pendenti.**
d. **Il-Current Account A/C Tweety Garage 037032216001 li nfetah fis 16 ta Jannar 2002 u li jidher li fih bilanc negligibbli flimkien mal-*loan account* bin-numru 040145401200 li jidher li huwa konness mal-current account A/C Tweety Garage 037032216001, huma t-tnejn assenjati esklussivament lill-intimat.**

6. **Tilqa' it-tmien talba limitatament u tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti entro xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

7. **Tilqa' id-disa' talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu**

**48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

8. **Tappunta lin-Nutar Dr Lisa Schembri u lil Dr Rebecca Muscat bhala kuratur sabiex jirraprezentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva;**

9. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Tordna komunika ta' din is-sentenza lin-Nutar Dr Lisa Schembri u lil Dr Rebecca Muscat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*****U b'digriet tal-25 ta' Frar 2022 l-isem u l-indirizz tal-Garage indikat bhala 'Tweety Garage 6 Triq ix-Xwieni Marsa' gie sostitwit b' 'Garage No.22 fi Triq Nassab, gewwa Hal Qormi'. *** U dana b'referenza ghal fol 24 u 36 ta' din is-sentenza.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**